SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Awla Manja)

11 ta' Settembru 2024*

"Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tal-azzjonijiet li jikkompromettu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina – Iffriżar ta' fondi – Lista tal-persuni, tal-entitajiet u tal-organi li għalihom japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi – Inklużjoni ta' isem ir-rikorrenti fil-lista – Obbligu ta' dikjarazzjoni tal-fondi jew tar-riżorsi ekonomiċi li jappartjenu lir-rikorrenti jew li huma jippossjedu, li jżommu jew li jikkontrollaw – Obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtorità nazzjonali kompetenti – Parteċipazzjoni f'attivitajiet li jkollhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri restrittivi – Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 – Rikors għal annullament – *Locus standi* – Inċidenza diretta – Att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni – Interess ġuridiku – Ammissibbiltà – Kompetenza tal-Kunsill – Proporzjonalità"

Fil-Kawża T-635/22,

Mikhail Fridman, residenti Londra (ir-Renju Unit),

Petr Aven, residenti Virginia Water (ir-Renju Unit),

German Khan, residenti Londra,

irrappreżentati minn T. Marembert u A. Bass, avocats,

rikorrenti,

vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn S. Van Overmeire u J. Rurarz, bħala aġenti, assistiti minn B. Maingain, avocat,

konvenut,

sostnut minn

Ir-Renju tal-Belġju, irrappreżentat minn C. Pochet, M. Van Regemorter u L. Van den Broeck, bħala aġenti,

minn

Ir-Repubblika tal-Latvja, irrappreżentata minn K. Pommere u J. Davidoviča, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

u minn

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn H. Krämer, C. Giolito, M. Carpus Carcea u L. Puccio, bħala aġenti,

intervenjenti,

IL-QORTI ĠENERALI (Awla Manja),

komposta minn M. van der Woude, President, S. Papasavvas, D. Spielmann (Relatur), M. J. Costeira, K. Kowalik-Bańczyk, S. Gervasoni, L. Madise, N. Półtorak, M. Brkan, I. Gâlea, I. Dimitrakopoulos, D. Kukovec, S. Kingston, T. Tóth u S. L. Kalėda, Imħallfin,

Reġistratur: H. Eriksson, Amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tal-11 ta' Jannar 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħhom ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Mikhail Fridman, Petr Aven u German Khan, jitolbu l-annullament tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1273, tal-21 ta' Lulju 2022, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2022, L 194, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat"), sa fejn jikkonċernahom, u għalhekk jirrigwardaw b'mod iktar preċiż il-punt 4 tal-Artikolu 1 tar-Regolament ikkontestat sa fejn jemenda l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 6, rettifika fil-ĠU L 294, p. 64), billi jinkludi fih obbligi ta' dikjarazzjoni tal-fondi u ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti f'dan ir-rigward (Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat) u billi jassimila n-nuqqas ta' osservanza ta' dawn l-obbligi ma' evażjoni tal-miżuri ta' ffriżar ta' fondi (Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat) (iktar 'il quddiem id-"dispożizzjonijiet ikkontestati").

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Ir-rikorrenti huma negozjanti ta' nazzjonalità Russa u Iżraeljana f'dak li jikkonċerna lil M. Fridman u lil G. Khan, u ta' nazzjonalità Russa u Latvjana f'dak li jikkonċerna lil P. Aven.

3 F'Marzu 2014, il-Federazzjoni Russa annettiet ir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea kif ukoll il-belt ta' Sevastopol u minn dakinhar ilha twettaq azzjonijiet kontinwi ta' destabbilizzazzjoni fil-Lvant tal-Ukraina. Fl-istess ħin, movimenti separatisti pro-Russi daħlu f'kunflitt armat mal-Gvern tal-Ukraina fir-reġjuni ta' Donetsk u Luhansk.

4 Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta, abbażi b'mod partikolari tal-Artikolu 29 TUE, id-Deċiżjoni (PESK) 2014/145, dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 16). Fl-istess jum, huwa adotta, abbażi tal-Artikolu 215 TFUE, ir-Regolament Nru 269/2014. Fil-jiem ta' wara, il-forzi armati Russi bdew operazzjonijiet tal-gwerra fl-Ukraina kollha, liema operazzjonijiet għadhom għaddejjin sa llum.

5 Fil-21 ta' Frar 2022, il-President tal-Federazzjoni Russa ffirma digriet li jirrikonoxxi l-indipendenza u s-sovranità tar-"Repubblika Popolari ta' Donetsk" u r-"Repubblika Popolari ta' Luhansk", awtoproklamati, u ordna l-iskjerament tal-forzi armati Russi f'dawn iż-żoni.

6 Fit-22 ta' Frar 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (iktar 'il quddiem ir-"Rappreżentant Għoli") ippubblika dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea li kkundannat dawn l-azzjonijiet, peress li kienu jikkostitwixxu ksur gravi tad-dritt internazzjonali. Huwa ħabbar li l-Unjoni kienet ser tirreaġixxi għal dan l-aħħar ksur mill-Federazzjoni Russa billi tadotta urġentement miżuri restrittivi addizzjonali.

7 F'dan il-kuntest, il-Kunsill adotta diversi settijiet ta' miżuri restrittivi. L-ismijiet tar-rikorrenti ġew miżjuda permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/337 tat-28 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145 (ĠU 2022, L 59, p. 1), u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/336, tat-28 ta' Frar 2022, li jimplimenta r-Regolament Nru 269/2014 (ĠU 2022, L 58, p. 1), fir-rigward ta' P. Aven u M. Fridman, u permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/429 tal-15 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145 (ĠU 2022, L 87 I, p. 44), u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/427 tal-15 ta' Marzu 2022 li jimplimenta r-Regolament Nru 269/2014 (ĠU 2022, L 87 I, p. 1), f'dak li jirrigwarda lil G. Khan, u sussegwentement inżammu fil-listi ta' persuni, entitajiet u korpi suġġetti għal miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145 u fl-Anness I tar-Regolament Nru 269/2014. Dawn il-miżuri restrittivi kienu s-suġġett ta' rikorsi għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali (Kawżi T-301/22, P. Aven vs Il-Kunsill, T-304/22, M. Fridman vs Il-Kunsill, u T-333/22, G. Khan vs Il-Kunsill).

8 Fid-data tal-adozzjoni tal-atti msemmija fil-punt 7 iktar 'il fuq, l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 269/2014 kien jipprovdi dan li ġej:

"1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, li huma l-proprjetà, li huma fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness I, għandhom jiġu ffriżati.

2. Ebda fond jew riżorsa ekonomika ma għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni, direttament jew indirettament, għall-benefiċċju ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi, jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness I."

9 L-Artikolu 9 tal-imsemmi regolament kien jipprevedi li "[i]l-parteċipazzjoni, b'mod konxju u bi ħsieb, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri msemmija fl-Artiklu 2 hija pprojbita".

10 L-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament kien jgħid dan li ġej:

"1. L-Istati Membri jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u jinnotifikawha b'kull emenda sussegwenti."

11 Fit-3 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2022/880, li jemenda r-Regolament Nru 269/2014 (ĠU 2022, L 153, p. 75), billi qies b'mod partikolari li kien hemm lok li jiġu ppreċiżati u msaħħa d-dispożizzjonijiet dwar il-pieni nazzjonali imposti fil-każ ta' ksur tal-miżuri previsti fl-imsemmi regolament (il-premessa 2 tar-Regolament 2022/880).

12 L-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat, jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni, inkluż kif xieraq pieni kriminali, applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll għal miżuri xierqa ta' konfiska tar-rikavat minn tali ksur."

13 Fil-21 ta' Lulju 2022, il-Kunsill adotta, abbażi b'mod partikolari tal-Artikolu 29 TUE, id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1272 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145 (ĠU 2022, L 193 I, p. 219). B'din id-deċiżjoni, huwa daħħal derogi ġodda għall-iffriżar tal-assi u għall-projbizzjoni li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-persuni u tal-entitajiet indikati.

14 Fl-istess jum, ġie adottat ir-Regolament ikkontestat, b'mod partikolari abbażi tal-Artikolu 215 TFUE. Dan ir-regolament jippreċiża, fil-premessa 5 tiegħu, dan li ġej:

"Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u uniformi tar-Regolament (UE) Nru 269/2014, u minħabba l-kumplessità dejjem akbar tal-iskemi għall-evażjoni tas-sanzjonijiet, li jostakolaw tali implimentazzjoni, huwa neċessarju li persuni u entitajiet dežinjati b'assi fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru jiġu obbligati jirrappurtaw [jiddikjaraw] dawn l-assi u jikkooperaw mal-awtorità kompetenti fil-verifika ta' dan ir-rappurtar. Huwa xieraq ukoll li jissaħħu d-dispożizzjonijiet dwar l-obbligi ta' rappurtar għall-operaturi tal-Unjoni, bil-ħsieb tal-prevenzjoni tal-ksur u ċ-ċirkomvenzjoni [evażjoni] tal-iffriżar tal-assi. In-nuqqas li jiġi rispettat dan l-obbligu jikkostitwixxi ċirkomvenzjoni tal-iffriżar tal-assi u jkun soġġett għal penali jekk il-kondizzjonijiet għal tali penali jiġu sodisfatti skont ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali applikabbli"

15 Permezz tar-Regolament ikkontestat, il-Kunsill emenda r-Regolament Nru 269/2014 billi ppreveda, fl-Artikolu 1(1) sa (3) tiegħu, id-derogi previsti bid-Deċiżjoni 2022/1272. Fl-Artikolu 1(4) tiegħu, ir-Regolament ikkontestat jipprevedi li l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 269/2014 jiġi ssostitwit bit-test li ġej:

"Artikolu 9

1. Il-parteċipazzjoni b'mod konxju u bi ħsieb, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2 għandha tkun ipprojbita.

2. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi ddežinjati, elenkati fl-Anness I, għandhom:

a) jirrappurtaw [jiddikjaraw] qabel l-1 ta' Settembru 2022 jew fi żmien sitt ġimgħat mid-data tal-elenkar fl-Anness I, skont liema jiġi l-aħħar, fondi jew riżorsi ekonomiċi fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru li jappartjenu, huma l-proprjetà, jinżammu jew huma kkontrollati minnhom, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsabu dawk il-fondi jew riżorsi ekonomiċi; u

b) jikkooperaw mal-awtorità kompetenti biex tali informazzjoni tiġi vverifikata b'kull mod.

3. In-nuqqas ta' konformità mal-paragrafu 2 għandu jitqies bħala parteċipazzjoni, kif imsemmi fil-paragrafu 1, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2.

[…]"

It-talbiet tal-partijiet

16 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla r-Regolament ikkontestat sa fejn jikkonċernahom, sa fejn speċifikat fil-punt 1 iktar 'il fuq;

– tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

17 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors għal annullament bħala inammissibbli jew, sussidjarjament, bħala infondat;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

18 Ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Latvja u l-Kummissjoni Ewropea jitolbu li r-rikors jiġi miċħud bħala inammissibbli jew, sussidjarjament, infondat.

Id-dritt

Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors

19 Il-Kunsill, sostnut mir-Renju tal-Belġju, mir-Repubblika tal-Latvja u mill-Kummissjoni, isostni li r-rikorrenti ma humiex direttament u individwalment ikkonċernati mid-dispożizzjonijiet ikkontestati. Fil-fatt, huwa jsostni li l-ismijiet tagħhom ġew miżjuda fil-listi inkwistjoni li jimponu fuqhom miżuri restrittivi permezz tad-Deċiżjoni 2022/337 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2022/336, fir-rigward ta' P. Aven u M. Fridman, u permezz tad-Deċiżjoni 2022/429 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2022/427, fir-rigward ta' G. Khan, li huma l-atti li jikkonċernawhom individwalment u direttament u li kienu s-suġġett ta' rikors għal annullament (ara l-punt 7 iktar 'il fuq).

20 Il-Kummissjoni żżid li r-Regolament ikkontestat ma jikkostitwixxix miżura li tikkonċerna direttament lir-rikorrenti u li ma tinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni. B'mod partikolari, l-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat, jeħtieġ evalwazzjoni każ b'każ u applikazzjoni tas-sanzjonijiet mid-dritt nazzjonali.

21 Ir-Renju tal-Belġju jżid li l-assi tar-rikorrenti li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri huma diġà preżunti li ġew iffriżati permezz tal-atti kkontestati fil-kuntest tar-rikorsi fil-Kawżi T-301/22, P. Aven vs Il-Kunsill, T-304/22, M. Fridman vs Il-Kunsill, u T-333/22, G. Khan vs Il-Kunsill.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma għandhomx interess li jippreżentaw dan ir-rikors, ħlief biex jevitaw il-miżuri restrittivi li huma kienu s-suġġett tagħhom, bit-tama li jkunu jistgħu jkomplu jagħmlu dan permezz ta' dan ir-rikors.

22 Ir-Repubblika tal-Latvja sostniet, waqt is-seduta, li d-dispożizzjonijiet ikkontestati kienu jikkonċernaw kategorija ta' persuni prevista b'mod ġenerali u astratt u li r-rikorrenti ma kienu indikaw ebda ċirkustanza oħra li tikkonferma li huma kienu iktar ikkonċernati jew individwalizzati mill-att ikkontestat mill-persuni l-oħra li jappartjenu għal din il-kategorija.

23 Ir-rikorrenti jikkontestaw dan l-argument.

24 Għandu jitfakkar li, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista', taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-ewwel u fit-tieni paragrafu, tressaq rikors kontra att indirizzat lilha (l-ewwel parti tal-frażi) jew li jirrigwardaha direttament u individwalment (it-tieni parti tal-frażi), kif ukoll kontra l-atti regolatorji li jirrigwardawha direttament u li ma jinvolvux miżuri ta' implimentazzjoni (it-tielet parti tal-frażi).

25 Il-kundizzjoni ta' inċidenza diretta hija komuni għat-tieni u għat-tielet parti tal-frażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u għandha, skont il-ġurisprudenza, l-istess tifsira f'kull waħda minn dawn il-partijiet tal-frażi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2022, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-348/20 P, EU:C:2022:548, punt 73). Skont ġurisprudenza stabbilita, il-kundizzjoni li persuna fiżika jew ġuridika għandha tkun direttament ikkonċernata mid-deċiżjoni li tkun is-suġġett tar-rikors teżiġi li jiġu ssodisfatti żewġ kriterji kumulattivi, jiġifieri li l-miżura kkontestata, minn naħa, tipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali ta' din il-persuna u, min-naħa l-oħra, li ma tħalli l-ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji inkarigati bl-implimentazzjoni tagħha, peress li din l-implimentazzjoni tkun ta' natura purament awtomatika u tirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni stess, mingħajr l-applikazzjoni ta' regoli intermedji oħra (ara s-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2021, Il-Venezwela vs Il-Kunsill (Assenjazzjoni ta' Stat terz), C-872/19 P, EU:C:2021:507, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenza tat-13 ta' Settembru 2018, Rosneft *et* vs Il-Kunsill, T-715/14, mhux ippubblikata, EU:T:2018:544, punt 65).

26 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-espressjoni "li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni", fis-sens tat tielet frażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-għan ta' din id-dispożizzjoni, jiġifieri, kif jirriżulta mill-oriġini tagħha, li jiġi evitat li individwu jkollu jikser il-liġi sabiex ikun jista' jkollu aċċess għal qorti. Issa, meta att regolatorju jipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali ta' persuna fiżika jew ġuridika mingħajr ma jkun jeħtieġ miżuri ta' implimentazzjoni, ikun hemm ir-riskju li din tal-aħħar tiġi mċaħħda minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva jekk ma jkollhiex rimedju quddiem il-qorti tal Unjoni sabiex tikkontesta l-legalità ta' dan l-att regolatorju. Fil-fatt, fl-assenza ta' miżuri ta' eżekuzzjoni, persuna fiżika jew ġuridika, minkejja li tkun ikkonċernata direttament mill-att inkwistjoni, ma tkunx f'pożizzjoni li tikseb stħarriġ ġudizzjarju ta' dan l-att ħlief wara li tkun kisret id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi att billi tinvoka l-illegalità tagħhom fil-kuntest tal-proċeduri miftuħa kontra tagħha quddiem il qrati nazzjonali (sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2013, Telefónica vs Il Kummissjoni, C-274/12 P, EU:C:2013:852, punt 27, u tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci, C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873, punt 58). Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet repetutament li, sabiex jiġi evalwat jekk att regolatorju jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni, għandha titqies il-pożizzjoni tal-persuna li tkun qiegħda tinvoka d-dritt ta' rimedju taħt it-tielet frażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE (ara s-sentenza tas

6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci, C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet ikkontestati huma ta' natura regolatorja fis-sens tal-aħħar frażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, sa fejn għandhom portata ġenerali u sa fejn ġew adottati abbażi tal-Artikolu 215 TFUE, konformement mal-proċedura mhux leġiżlattiva prevista f'din id-dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2021, Il-Venezwela vs Il-Kunsill (Assenjazzjoni ta' Stat Terz), C-872/19 P, EU:C:2021:507, punt 92).

28 Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet ikkontestati jikkonċernaw il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi inklużi fil-lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat.

29 Issa, waqt il-preżentata tar-rikors tagħhom, l-ismijiet tar-rikorrenti kienu jinsabu f'dan l-Anness I, sa mit-28 ta' Frar 2022 f'dak li jikkonċerna lil P. Aven u lil M. Fridman, u sa mill-15 ta' Marzu 2022 f'dak li jikkonċerna lil G. Khan (ara l-punt 7 iktar 'il fuq).

30 Għaldaqstant, mill-21 ta' Lulju 2022, id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ikkontestat, ir-rikorrenti huma suġġetti għall-obbligi inkwistjoni, jiġifieri l-obbligu li jiddikjaraw qabel l-1 ta' Settembru 2022 il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi tagħhom u l-obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat. Barra minn hekk, b'applikazzjoni tal-Artikolu 9(3) ta' dan l-istess regolament, in-nuqqas ta' osservanza tal-imsemmija obbligi huwa kklassifikat bħala parteċipazzjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri restrittivi ta' ffriżar ta' fondi.

31 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li d-dispożizzjonijiet ikkontestati jaffettwaw direttament lir-rikorrenti, peress li dawn jipproduċu direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tagħhom. Fil-fatt, l-obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' kooperazzjoni, kif ukoll l-effetti tan-nuqqas ta' osservanza tagħhom, japplikaw għar-rikorrenti bħala persuni inklużi fil-lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 269/2014 fil-mument tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija dispożizzjonijiet. Barra minn hekk, l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet fir-rigward tar-rikorrenti ma teħtieġ l-adozzjoni ta' ebda miżura ta' implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, ħaġa li ġiet ammessa mill-Kunsill waqt is-seduta, u ma tħalli ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha, b'tali mod li dawn jaffettwaw b'mod purament awtomatiku s-sitwazzjoni legali tar-rikorrenti.

32 Minn dan isegwi li d-dispożizzjonijiet ikkontestati jikkostitwixxu atti regolatorji li jikkonċernaw direttament lir-rikorrenti u li ma jinvolvux miżuri ta' implimentazzjoni fis-sens tal-ġurisprudenza applikabbli.

33 Ir-riferiment tal-Kunsill għas-sentenza tat-28 ta' Jannar 2016, Azarov vs Il-Kunsill (T-332/14, mhux ippubblikata, EU:T:2016:48, punti 59 u 60), u s-soluzzjoni ta' inammissibbiltà minħabba nuqqas ta' inċidenza diretta tar-rikorrent adottata f'din is-sentenza ma tinvalidax din il-konstatazzjoni. Fil-fatt, fl-imsemmija sentenza, ir-rikors kien dirett b'mod partikolari kontra atti li emendaw il-kriterji ta' klassifikazzjoni għall-iffriżar ta' fondi fil-konfront tal-persuni responsabbli għal miżapproprjazzjoni ta' fondi li kienu jappartjenu lill-Istat Ukrain. Ġie deċiż li dan kien inammissibbli sa fejn kien indirizzat kontra l-imsemmija atti, peress li, essenzjalment, dawn l-atti kellhom effetti legali biss fir-rigward ta' kategoriji ta' persuni u ta' entitajiet previsti b'mod ġenerali u astratt u ma kinux jikkonċernaw la individwalment u lanqas direttament lir-rikorrent f'din il-kawża.

34 F'dan il-każ, min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet ikkontestati jipproduċu direttament u immedjatament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tar-rikorrenti, mingħajr ma jeħtieġu l-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni mill-awtoritajiet inkarigati bl-implimentazzjoni tal-imsemmija obbligi. B'hekk, ir-rikorrenti jirriskjaw li jkunu nieqsa minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva jekk ma jkollhomx rimedju ġudizzjarju quddiem il-qorti tal-Unjoni sabiex jikkontestaw il-legalità tal-imsemmija dispożizzjonijiet.

35 Għaldaqstant, ir-rikorrenti għandhom *locus standi* għall-annullament tad-dispożizzjonijiet ikkontestati.

36 Ir-Renju tal-Belġju jsostni li r-rikorrenti ma għandhomx interess li jippreżentaw dan ir-rikors, peress li l-assi kollha tagħhom huma diġà meqjusa li huma ffriżati, sakemm ma evitawx il-miżuri restrittivi li kienu s-suġġett tagħhom, bit-tama li jkunu jistgħu jkomplu jagħmlu dan permezz ta' dan ir-rikors.

37 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-ammissibbiltà ta' rikors għal annullament ippreżentat minn persuna fiżika jew ġuridika hija suġġetta għall-kundizzjoni li din tal-aħħar ikollha interess li l-att ikkontestat jiġi annullat. Tali interess jippreżupponi li l-annullament ta' dan l-att jista' jkollu, minnu nnifsu, konsegwenzi legali u li r-rikors b'hekk ikun jista', bl-eżitu tiegħu, jipprovdi benefiċċju lill-parti li tkun ippreżentatu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Stichting Woonlinie *et* vs Il-Kummissjoni, C-133/12 P, EU:C:2014:105, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata, u d-digriet tat-18 ta' Jannar 2023, Seifert vs Il-Kunsill, T-166/22, mhux ippubblikat, EU:T:2023:13, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata). L-interess ġuridiku ta' rikorrent għandu jkun reali u attwali u ma jistax jikkonċerna sitwazzjoni futura u ipotetika (ara s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Mory *et* vs Il-Kummissjoni, C-33/14 P, EU:C:2015:609, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Issa, f'dan il-każ, indipendentement mill-fatt jekk ir-rikorrenti jew persuni oħra kinux iddikjaraw jew le l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi inkwistjoni u, jekk kien il-każ, ikunu kkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti, jew jekk l-imsemmija fondi jew riżorsi ekonomiċi jkunux ġew iffriżati jew le, huma għad għandhom interess li jiksbu l-annullament tad-dispożizzjonijiet ikkontestati, li jimponu fuqhom obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' kooperazzjoni li n-nuqqas ta' osservanza tagħhom jista' jwassal għal konsegwenzi tqal għalihom. Fil-fatt, l-interess ġuridiku ma jisparixxix minħabba li r-rikorrent ikun wettaq l-obbligi li huwa jkun qiegħed jikkontesta (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Settembru 1985, Hoogovens Groep vs Il-Kummissjoni, 172/83 u 226/83, EU:C:1985:355, punt 19, u tal-15 ta' Diċembru 1999, Kesko vs Il-Kummissjoni, T-22/97, EU:T:1999:327, punti 55 sa 65), u lanqas minħabba li dawn ġew ikunu eżegwiti minn terz (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Marzu 1979, Simmenthal vs Il-Kummissjoni (92/78, EU:C:1979:53, punt 32). Konsegwentement, l-interess ġuridiku tar-rikorrenti jibqa' stabbilit mingħajr ma jkollhom għalfejn juru, kif jimplika l-argument tar-Renju tal-Belġju, li huma kisru l-obbligi tagħhom. Għaldaqstant, l-argument tar-Renju tal-Belġju għandu jitwarrab.

39 Barra minn hekk, huwa paċifiku li l-osservanza tal-obbligu ta' dikjarazzjoni ma twassalx għall-estinzjoni tal-obbligi kollha stabbiliti mid-dispożizzjonijiet ikkontestati. Fil-fatt, ladarba l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jiġu ddikjarati mal-awtorità nazzjonali kompetenti, l-Artikolu 9(2) tar Regolament Nru 269/2014, kif emendat, jobbliga lill-persuni li jkunu ddikjaraw il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi li huma jippossjedu, iżommu jew jikkontrollaw, jikkooperaw ma' din l-awtorità nazzjonali għall-finijiet ta' kull verifika. Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti jżommu interess ġuridiku eżistenti u attwali kontra d-dispożizzjonijiet tal Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat.

40 Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat, il-klassifikazzjoni bħala parteċipazzjoni f'eveżjoni tal-miżuri restrittivi li huma jipprevedu hija konsegwenzjali għall-obbligi previsti mill-Artikolu 9(2) ta' dan ir-regolament, b'tali mod li r-rikorrenti għandhom interess ġuridiku ċert u attwali kontra dawn id-dispożizzjonijiet.

41 Għaldaqstant, l-argument tar-Renju tal-Belġju li r-rikorrenti ma għandhomx interess li jippreżentaw dan ir-rikors għandu jiġi miċħud.

42 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li dan ir-rikors huwa ammissibbli.

Fuq il-mertu

43 Ir-rikorrenti jqajmu żewġ motivi, l-ewwel wieħed, ibbażat fuq nuqqas ta' bażi legali u fuq ksur tal-Artikolu 215 TFUE kif ukoll fuq ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ċertezza legali u, it-tieni wieħed, ibbażat fuq nuqqas ta' bażi legali u fuq ksur tal-Artikoli 4, 5, 25 u 40 TUE, kif ukoll tal-Artikoli 3, 4, 82, 83 u 215 TFUE, għar-raġuni li l-Kunsill stabbilixxa ruħu bħala leġiżlatur kriminali.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' bażi legali u fuq ksur tal-Artikolu 215 TFUE kif ukoll fuq ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ċertezza legali

44 Ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li, anki jekk il-formulazzjoni tal-Artikolu 215 TFUE ma hijiex limitattiva, din għandha tiġi interpretata b'mod strett u l-Kunsill ma jistax jimponi obbligi pożittivi fuq il-persuni ssanzjonati abbażi ta' din id-dispożizzjoni. L-obbligu li tiġi żvelata l-konsistenza tal-patrimonju tagħhom huwa forma ta' sanzjoni u mhux "miżura restrittiva" fis-sens tal-Artikolu 215 TFUE. Barra minn hekk, jekk jitqies li l-Kunsill jista' jimponi obbligi pożittivi, l-obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' kooperazzjoni inkwistjoni jmorru lil hinn mill-kompetenza tiegħu *ratione materiae*.

45 Barra minn hekk, huma jsostnu li l-obbligi inkwistjoni huma ta' ħsara għall-ħajja privata, eċċessivi u inċerti, peress li huma bbażati fuq termini vagi u mhux iddefiniti. Huma għandhom ukoll portata extraterritorjali.

46 Il-Kunsill, sostnut mir-Renju tal-Belġju, mir-Repubblika tal-Latvja u mill-Kummissjoni, jikkontesta dan l-argument.

47 Għandu jitfakkar li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) TUE, il-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) hija suġġetta għal regoli u proċeduri speċifiċi u hija "definita u implimentata mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill, li jaġixxu b'mod unanimu, ħlief fejn it-Trattati jipprovdu mod ieħor". Barra minn hekk, din il-politika hija implimentata mir-Rappreżentant Għoli u mill-Istati Membri, konformement mat-Trattati. B'applikazzjoni tal-Artikolu 29 TUE, il-Kunsill "għandu jadotta deċiżjonijiet li jiddefinixxu l-atteġġament tal-Unjoni lejn materja partikolari ta' natura ġeografika jew tematika".

48 Il-miżuri restrittivi jiġu adottati, fil-kuntest tal-PESK, permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill meħuda bl-unanimità abbażi tal-Artikolu 29 TUE u l-implimentazzjoni tagħhom issir, fil-kuntest tat-Trattat FUE, permezz ta' regolament adottat b'applikazzjoni tal-Artikolu 215 TFUE mill-Kunsill, li jiddeċiedi b'maġġoranza kkwalifikata, fuq proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli u tal-Kummissjoni. Minn naħa, l-Artikolu 215(1) TFUE jirrigwarda l-adozzjoni

mill-Kunsill ta' miżuri neċessarji għall-interruzzjoni jew għat-tnaqqis, parzjali jew sħiħ, tar-relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji ma' pajjiż terz wieħed jew iktar, prevista minn deċiżjoni adottata konformement mal-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat UE. Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 215(2) TFUE, meta deċiżjoni adottata konformement mal-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat UE tipprevedi dan, il-Kunsill jista' jadotta miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi u gruppi jew entitajiet li ma humiex Stati.

49 Skont il-ġurisprudenza, mill-Artikoli 24 u 29 TUE jirriżulta, bħala regola ġenerali, li l-Kunsill jista' jiddefinixxi, fid-deċiżjonijiet meħuda fil-qasam tal-PESK u billi jiddeċiedi bl-unanimità, l-għan tal-miżuri restrittivi li l-Unjoni tadotta fil-qasam tal-PESK. Fid-dawl tal-firxa wiesgħa tal-finijiet u tal-għanijiet tal-PESK, kif espressi fl-Artikolu 3(5) TUE u fl-Artikolu 21 TUE kif ukoll fid-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-PESK, b'mod partikolari fl-Artikoli 23 u 24 TUE, il-Kunsill għandu prerogattiva wiesgħa fid-definizzjoni ta' dan l-għan (sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 88).

50 Fir-rigward tal-Artikolu 215 TFUE, li jistabbilixxi rabta bejn l-għanijiet tat-Trattat UE fil-qasam tal-PESK u l-azzjonijiet tal-Unjoni li jinvolvu miżuri ekonomiċi li jaqgħu taħt it-Trattat FUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-130/10, EU:C:2012:472, punt 59), huwa jippermetti l-adozzjoni ta' regolamenti mill-Kunsill, billi jiddeċiedi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta konġunta tar-rappreżentant għoli u tal-Kummissjoni, sabiex jimplimenta jew jagħti effett lill-miżuri restrittivi meta dawn jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat FUE, kif ukoll, b'mod partikolari, sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha (ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punti 89 u 90).

51 Għalhekk, id-deċiżjonijiet adottati abbażi tal-Artikolu 29 TUE jistabbilixxu l-pożizzjoni tal-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-miżuri restrittivi li jkollhom jiġu adottati, filwaqt li r-regolamenti adottati abbażi tal-Artikolu 215 TFUE huma marbuta, fid-dawl tal-għanijiet u tal-kontenut tagħhom, mal-imsemmija deċiżjonijiet u jikkostitwixxu l-istrument sabiex jingħataw effett fuq il-livell tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Lulju 2012, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-130/10, EU:C:2012:472, punti 72 u 76, u tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 90).

52 F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet ikkontestati ġew adottati abbażi tal-Artikolu 215 TFUE, u, b'mod iktar preċiż, tal-Artikolu 215(2) TFUE, kif barra minn hekk jirrikonoxxu l-partijiet prinċipali.

53 Għandu jitfakkar li, skont il-premessa 5 tar-Regolament ikkontestat, id-dispożizzjonijiet ikkontestati ġew adottati sabiex jirrimedjaw "[għal]l-kumplessità dejjem akbar tal-iskemi għall-evażjoni tas-sanzjonijiet, li jostakolaw tali implimentazzjoni [tal-miżuri restrittivi]". Għalhekk, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva u uniformi ta' dan ir-regolament, il-Kunsill enfasizza l-ħtieġa li "jissaħħu d-dispożizzjonijiet dwar l-obbligi ta' rappurtar [dikjarazzjoni] għall-operaturi tal-Unjoni, bil-ħsieb tal-prevenzjoni tal-ksur u ċ-ċirkomvenzjoni [evażjoni] tal-iffriżar tal-assi."

54 F'dan ir-rigward, il-Kunsill enfasizza, minn naħa, li, b'paragun mas-sistemi ta' miżuri restrittivi implimentati fid-dawl tas-sitwazzjoni eżistenti f'pajjiżi oħra, in-numru ta' persuni suġġetti għall-miżuri restrittivi adottati fil-kuntest tas-sistema relatata mas-sitwazzjoni fl-Ukraina qatt ma kien daqshekk sinjifikattiv u, min-naħa l-oħra, li dawn il-miżuri restrittivi kienu s-suġġett ta' evażjoni, jew ta' ksur, sabiex tiġi evitata l-applikazzjoni effettiva tagħhom. Barra minn hekk, hekk

kif jirriżulta mid-dibattiti waqt is-seduta, l-adozzjoni tal-obbligi inkwistjoni kienet tidher iktar ġustifikata peress li, qabel, ftit Stati Membri kienu adottaw dispożizzjonijiet nazzjonali li kienu jipprevedu tali obbligi, b'mod partikolari l-obbligu ta' dikjarazzjoni.

55 Minn dan jirriżulta li d-dispożizzjonijiet ikkontestati ġew stabbiliti, f'dan il-każ, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tar-Regolament Nru 269/2014 fit-territorju tal-Unjoni u sabiex jiġu evitati l-istrateġiji ta' evażjoni tal-miżuri restrittivi, li saru possibbli, b'mod partikolari, permezz tal-użu ta' sistemi legali u finanzjarji kumplessi.

56 Huma għalhekk ma jikkostitwixxux miżuri restrittivi bħala tali, iżda miżuri marbuta mad-Deċiżjoni 2014/145 sa fejn huma ta' natura li jiżguraw, fil-livell tal-Unjoni, l-implimentazzjoni effikaċi u uniformi tal-miżuri restrittivi previsti mill-imsemmija deċiżjoni.

57 Minn dan isegwi li l-Kunsill ġustament adotta d-dispożizzjonijiet ikkontestati abbażi tal-Artikolu 215 TFUE.

58 Din il-konstatazzjoni ma hijiex invalidata mill-argumenti tar-rikorrenti.

59 L-ewwel nett, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kunsill ma jistax jimponi obbligi pożittivi fuq il-persuni ssanzjonati abbażi tal-Artikolu 215(2) TFUE.

60 Madankollu, anki jekk, kif jenfasizzaw ir-rikorrenti, il-Kunsill ma għandux il-libertà kollha li jadotta l-miżuri li jixtieq fil-qasam tal-PESK, l-Artikolu 215 TFUE ma huwiex limitattiv, kif jammettu r-rikorrenti. Issa, is-sempliċi riferiment magħmul għall-miżuri restrittivi mill-Artikolu 215(2) TFUE ma għandux bħala konsegwenza li jillimita l-miżuri previsti mill-imsemmija dispożizzjoni għal obbligi li ma titteħidx azzjoni. Fil-fatt, kif tfakkar fil-punt 50 iktar 'il fuq, din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tippermetti lill-Kunsill jimplimenta deċiżjoni adottata fil-qasam tal-PESK sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni uniformi tagħha fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, għalkemm il-miżuri restrittivi huma kkaratterizzati, bħala prinċipju, minn miżuri ta' projbizzjoni jew minn limitazzjonijiet, xorta jibqa' l-fatt li l-implimentazzjoni tagħhom tista' timplika obbligi li tittieħed azzjoni, bħal dawk f'dan il-każ, li ma jistgħux jiġu esklużi bħala prinċipju għas-sempliċi raġuni li dawn huma obbligi pożittivi.

61 It-tieni nett, l-affermazzjoni tar-rikorrenti li d-dispożizzjonijiet ikkontestati, b'mod partikolari l-obbligu li jiżvelaw il-konsistenza tal-patrimonju tagħhom, huma forma ta' sanzjoni u mhux miżura restrittiva għandha titwarrab.

62 Fil-fatt, minn naħa, mill-punti 52 sa 57 iktar 'il fuq jirriżulta li d-dispożizzjonijiet ikkontestati jimponu obbligu ta' dikjarazzjoni tal-fondi jew tar-riżorsi ekonomiċi u obbligu ta' kooperazzjoni, li ma jikkostitwixxux sanzjonijiet, iżda miżuri intiżi għall-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi ta' ffriżar ta' fondi. Min-naħa l-oħra, dawn id-dispożizzjonijiet ma jistabbilixxux sanzjonijiet fihom infushom. Ċertament, kif jenfasizzaw ir-rikorrenti, l-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat, jipprevedi li n-nuqqas ta' osservanza ta' dawn l-obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' kooperazzjoni jitqiesu li huma parteċipazzjoni f'attivitajiet li jkollhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri ta' ffriżar ta' fondi, liema parteċipazzjoni hija nnifisha pprojbita mill-Artikolu 9(1). Madankollu, din id-dispożizzjoni tikklassifika ġuridikament in-nuqqas ta' osservanza tal-imsemmija obbligi, mingħajr madankollu ma tistabbilixxi sanzjoni.

63 Minn dan isegwi li l-argument tar-rikorrenti li d-dispożizzjonijiet ikkontestati jikkostitwixxu forma ta' sanzjoni għandu jitwarrab.

64 It-tielet nett, kif jirrilevaw ir-rikorrenti, dawn l-obbligi huma ġodda fir-rigward tagħhom, kif ġie invokat waqt is-seduta.

65 Madankollu, l-Artikolu 215(2) TFUE jippermetti l-adozzjoni mill-Kunsill ta' tali obbligi pożittivi, anki ġodda fir-rigward tagħhom, peress li huma marbuta mal-miżuri restrittivi li għalihom huma suġġetti r-rikorrenti, sa fejn dawn huma ta' natura li jagħtu effett lil tali miżuri fl-Istati Membri kollha sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni effikaċi u uniformi tagħhom f'sitwazzjoni li, bħal dik f'dan il-każ, hija kkaratterizzata minn kumplessità dejjem tikber tas-sistemi li jippermettu lill-persuni u l-entitajiet suġġetti għal dawn il-miżuri restrittivi jevitaw is-sanzjonijiet.

66 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li d-dispożizzjonijiet ikkontestati ma jikkostitwixxux sanzjonijiet, iżda miżuri li jiżguraw l-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi, li ġew adottati ġustament abbażi tal-Artikolu 215(2) TFUE. Għaldaqstant, huwa b'mod żbaljat li r-rikorrenti jsostnu li l-Kunsill ma huwiex kompetenti *ratione materiae*, abbażi ta' din id-dispożizzjoni, sabiex jadotta l-obbligi inkwistjoni.

67 Ir-raba' nett, ir-rikorrenti jsostnu li l-obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' kooperazzjoni inkwistjoni jippreġudikaw il-ħajja privata, li l-patrimonju tagħha huwa komponent essenzjali, u eċċessivi minħabba li huma "jaqbżu l-uniku patrimonju tal-persuni ssanzjonati". Huma jsostnu wkoll li l-għan li tiġi ggarantita l-effettività tal-miżuri restrittivi ma jistax jiġġustifika l-impożizzjoni ta' tali obbligi fuq il-persuni li huma s-suġġett tal-imsemmija miżuri.

68 Għandu jitfakkar li d-drittijiet fundamentali invokati mir-rikorrent ma jikkostitwixxux prerogattiva assoluta u l-eżerċizzju tagħhom jista' jkun suġġett għal restrizzjonijiet iġġustifikati minn għanijiet ta' interess ġenerali mfittxija mill-Unjoni, sakemm tali restrizzjonijiet effettivament jilħqu l-imsemmija għanijiet ta' interess ġenerali u ma jikkostitwixxux, fir-rigward tal-għan imfittex, intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika s-sustanza stess tad-drittijiet hekk iggarantiti (sentenzi tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 148, u tas-27 ta' Lulju 2022, RT France vs Il-Kunsill, T-125/22 P, EU:T:2022:483, punt 220).

69 Sabiex ikun hemm konformità mad-dritt tal-Unjoni, preġudizzju għad-drittijiet fundamentali inkwistjoni għandu jkun previst mil-liġi, jirrispetta l-kontenut essenzjali tal-imsemmija libertà, ifittex għan ta' interess ġenerali, irrikonoxxut bħala tali mill-Unjoni, u ma jkunx sproporzjonat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Lulju 2022, RT France vs Il-Kunsill, T-125/22, EU:T:2022:483, punti 145 u 222 u l-ġurisprudenza ċċitata).

70 F'dan il-każ, fl-ewwel lok, l-obbligi inkwistjoni huma "previsti mil-liġi", peress li huma stabbiliti fir-Regolament ikkontestat, li għandhom bażi legali ċara fid-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-Artikolu 215 TFUE, kif ukoll prevedibbiltà suffiċjenti.

71 Fit-tieni lok, l-obbligi inkwistjoni, limitati għall-fondi jew riżorsi ekonomiċi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, huma imposti fuq ir-rikorrenti minħabba li isimhom jinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat, u li huma, b'dan il-mod, suġġetti għal miżuri ta' ffriżar ta' fondi. Issa, peress li l-inklużjoni ta' isimhom hija miżura temporanja, reversibbli u suġġetta għal monitoraġġ kostanti, l-obbligi inkwistjoni, li huma marbuta ma' din l-inklużjoni ta' isimhom, huma nnifishom ta' natura temporanja u reversibbli. Għaldaqstant, għandu jitqies li l-imsemmija obbligi ma jippreġudikawx il-kontenut essenzjali tad-dritt għall-ħajja privata invokat.

72 Fit-tielet lok, l-għan tal-miżuri restrittivi huwa li jżid l-ispiża tal-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa intiżi li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, li titmexxa 'l quddiem soluzzjoni paċifika għall-kriżi u li tinżamm il-paċi u s-sigurtà internazzjonali, konformement mal-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 21 TUE. F'dan il-kuntest, l-għan tal-obbligi inkwistjoni huwa li jippermetti l-identifikazzjoni tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi fil-pussess, miżmuma jew ikkontrollati mill-persuni u entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi u, b'hekk, li jiġu implimentati b'mod effikaċi u uniformi l-imsemmija miżuri, li jikkostitwixxi għan li jaqa' fil-kuntest tal-għan iktar ġenerali tal-miżuri restrittivi. Issa, l-importanza tal-għanijiet hekk imfittxija hija ta' natura li tiġġustifika konsegwenzi negattivi marbuta mal-indħil fid-dritt għall-ħajja privata allegat mir-rikorrenti.

73 Fir-raba' lok, fir-rigward tan-natura xierqa u neċessarja tal-obbligi inkwistjoni, għandu jiġi rrilevat li, kif jenfasizzaw il-Kunsill kif ukoll ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Latvja u l-Kummissjoni, modalitajiet ġodda ta' implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi ġew iġġustifikati min-neċessità li tiġi żgurata l-effikaċja u l-applikazzjoni uniformi tas-sistema ta' miżuri restrittivi li jikkonċernaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina, b'mod partikolari fid-dawl tal-evażjoni tal-miżuri restrittivi li tirriżulta mill-implimentazzjoni ta' sistemi ta' kumplessità dejjem tikber. Il-Kunsill isemmi f'dan ir-rigward id-diversi mezzi ta' evażjoni, permezz ta' assi mhux iddikjarati bl-użu ta' membri tal-familja, ta' kumpanniji tal-isem jew ta' persuni li jsellfu isimhom. Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll il-gravità tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, ir-riskji bla preċedent għas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u l-fatt li s-sistema ta' miżuri restrittivi kontra l-Federazzjoni Russa ħadet proporzjon li ebda reġim ieħor ma kellu, fid-dawl tan-numru ta' persuni u entitajiet koperti mill-imsemmija miżuri, tad-daqs tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi kkonċernati mill-miżuri ta' ffriżar ta' fondi, u tal-kumplessità dejjem tikber tal-arranġamenti legali u finanzjarji li permezz tagħhom dawn il-fondi u riżorsi ekonomiċi huma miżmuma jew ikkontrollati, ħaġa li tirrendi l-identifikazzjoni tagħhom mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti partikolarment diffiċli. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma wrewx il-possibbiltà ta' miżuri alternattivi u inqas restrittivi li kienu jippermettu li jintlaħqu b'mod daqstant effettiv l-għanijiet imfittxija. L-obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' kooperazzjoni inkwistjoni jidhru għalhekk bħala l-implimentazzjoni fl-istess ħin xierqa u neċessarja tal-iffriżar ta' fondi.

74 Fir-rigward, b'mod iktar speċifiku, tan-natura proporzjonata tal-obbligi inkwistjoni, l-ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni juri li l-inkonvenjenzi serji li jirriżultaw għar-rikorrenti ma humiex madankollu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet ta' interess ġenerali mfittxija, imfakkra fil-punt 72 iktar 'il fuq. Fil-fatt, fid-dawl tal-importanza primordjali ta' dawn l-għanijiet imfittxija mill-miżuri restrittivi u tal-fatt li l-obbligi kontenzjużi huma ta' natura li jiżguraw l-implimentazzjoni effikaċi u uniformi tal-imsemmija miżuri, il-preġudizzju allegat għall-ħajja privata tar-rikorrenti ma jistax jitqies li huwa sproporzjonat.

75 Minn dan isegwi li l-argumenti tar-rikorrenti dwar in-natura sproporzjonata tal-obbligi inkwistjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħajja privata tagħhom, għandhom jitwarrbu.

76 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-obbligi kkontestati huma eċċessivi minħabba l-fatt li huma jaqbżu biss il-patrimonju tal-persuni ssanzjonati, għandu jiġi kkonstatat li din ma hijiex sostnuta b'mod ieħor u għandha għalhekk titwarrab.

77 Il-ħames nett, ir-rikorrenti jsostnu li l-obbligi kkontestati jiksru l-prinċipju ta' ċertezza legali għar-raġuni li huma bbażati fuq termini vagi u mhux iddefiniti, b'mod partikolari fir-rigward tal-portata tal-kunċett ta' "kontroll".

78 Għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' ċertezza legali jimplika li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tkun ċara u preċiża u li l-applikazzjoni tagħha tkun prevedibbli għal dawk kollha kkonċernati (sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Europäisch-Iranische Handelsbank vs Il-Kunsill, C-585/13 P, EU:C:2015:145, punt 93; ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2023, OT vs Il-Kunsill, T-193/22, EU:T:2023:716, punt 42).

79 F'dan il-każ, il-persuni suġġetti għal iffriżar ta' fondi għandhom, skont l-Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament Nru 269/2014, jiddikjaraw il-"fondi jew riżorsi ekonomiċi fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru li jappartjenu, huma l-proprjetà, jinżammu jew huma kkontrollati minnhom, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsabu dawk il-fondi jew riżorsi ekonomiċi".

80 Issa, ma jidhirx li l-użu tal-kunċetti ta' appartenenza, ta' żamma, ta' pussess jew ta' kontroll fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat, ibati minn ambigwità tali li ma tippermettix lill-persuni suġġetti għal miżuri ta' ffriżar ta' fondi li jkunu jistgħu jneħħu, b'ċertezza suffiċjenti, dubji eventwali dwar il-portata jew is-sens ta' dawn il-kunċetti. F'dan ir-rigward, fir-rigward ta' kumpanniji u fil-kuntest speċifiku tal-miżuri restrittivi, diġà ġie deċiż li kumpannija tista' tiġi kklassifikata bħala "kumpannija miżmuma jew ikkontrollata minn entità oħra", meta din tkun tinsab f'sitwazzjoni li fiha din l-entità l-oħra tkun f'pożizzjoni li tinfluwenza l-għażliet tagħha, anki fl-assenza ta' kull rabta ġuridika, ta' proprjetà jew ta' sehem fil-kapital, bejn waħda u l-oħra minn dawn iż-żewġ entitajiet ekonomiċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2019, HTTS vs Il-Kunsill C-123/18 P, EU:C:2019:694, punt 75).

81 Minn dan isegwi li r-riferiment, magħmul mill-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat, għall-kunċetti ta' appartenenza, ta' pussess, ta' żamma jew ta' kontroll tal-fondi jew tar-riżorsi ekonomiċi juri b'mod suffiċjentement ċar u li jinftiehem dak li jkopru tali kunċetti, b'mod li jippermetti lill-persuni kkonċernati jikkonformaw ruħhom mal-obbligu ta' dikjarazzjoni.

82 Is-sitt nett, ir-rikorrenti jsostnu li l-obbligi inkwistjoni għandhom portata extraterritorjali, peress li persuna li hija s-suġġett ta' miżuri restrittivi u li tinsab barra mill-Unjoni tista' tkun suġġetta għal prosekuzzjonijiet jekk hija ma tweġibx għal mistoqsija ta' awtorità nazzjonali.

83 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat, ir-rikorrenti huma obbligati, minn naħa, li jiddikjaraw il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi tagħhom li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih jinsabu dawn il-fondi jew riżorsi ekonomiċi u, min-naħa l-oħra, li jikkooperaw mal-imsemmija awtorità għall-finijiet ta' verifika tal-informazzjoni. Minn dan isegwi li l-assi li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru ma humiex koperti mill-imsemmija obbligi. Barra minn hekk, fir-rigward tal-persuni li jinsabu barra mill-Unjoni, huma biss l-assi tagħhom li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni li huma kkonċernati, ħaġa li tikkostitwixxi rabta suffiċjenti mal-Unjoni. Għaldaqstant, l-argument ibbażat fuq il-portata extraterritorjali tal-obbligi inkwistjoni għandu jitwarrab.

84 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li l-obbligi inkwistjoni ma jistgħux jiġu analizzati bħala miżuri restrittivi, iżda bħala miżuri ta' natura li jiżguraw l-implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi applikati għar-rikorrenti. Għaldaqstant, fid-dawl tal-kuntest u tal-għan li tiġi ggarantita l-effettività tal-imsemmija miżuri, il-Kunsill la kiser il-portata tal-kompetenza tiegħu *ratione materiae*, la l-prinċipju ta' proporzjonalità u lanqas il-prinċipju ta' ċertezza legali meta adotta d-dispożizzjonijiet ikkontestati.

85 Minn dan isegwi li l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' bażi legali u fuq ksur tal-Artikoli 4, 5, 25 u 40 TUE, kif ukoll tal-Artikoli 3, 4, 82, 83 u 215 TFUE, minħabba li l-Kunsill stabbilixxa ruħu bħala leġiżlatur kriminali

86 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li l-formulazzjoni tat-tieni motiv issemmi n-nuqqas ta' bażi legali tad-dispożizzjonijiet ikkontestati. Madankollu, mill-eżami tal-ewwel motiv jirriżulta li l-Artikolu 215 TFUE jikkostitwixxi l-bażi legali rilevanti tad-dispożizzjonijiet ikkontestati f'dan il-każ. Għaldaqstant, l-argument dwar in-nuqqas ta' bażi legali tad-dispożizzjonijiet ikkontestati għandu jitwarrab.

87 Għall-bqija tat-tieni motiv, għalkemm ir-rikorrenti jsemmu ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tat-Trattat UE u tat-Trattat FUE, l-argument tagħhom huwa intiż, essenzjalment, li juri li, billi adotta d-dispożizzjonijiet ikkontestati, filwaqt li kien jaf li 25 mis-27 Stat Membru kienu jittrattaw kriminalment l-evażjoni tas-sanzjonijiet, il-Kunsill stabbilixxa ruħu bħala leġiżlatur kriminali, filwaqt li din il-kompetenza taqa' taħt l-Istati Membri.

88 Il-Kunsill, sostnut mir-Renju tal-Belġju, mir-Repubblika tal-Latvja u mill-Kummissjoni, jikkontesta dan l-argument.

89 Għandu jitfakkar li, fir-rigward tal-atti adottati abbażi ta' dispożizzjoni dwar il-PESK, hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tiżgura, b'mod partikolari, skont l-Artikolu 40 TUE kif ukoll skont l-ewwel parti tal-frażi tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE, li l-implimentazzjoni ta' din il-politika ma taffettwax l-applikazzjoni tal-proċeduri u l-portata rispettiva tal-kompetenzi tal-istituzzjonijiet previsti mit-Trattati għall-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-Unjoni skont it-Trattat FUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 85 u l-ġurisprudenza ċċitata).

90 F'dan il-każ, l-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat, jistabbilixxi l-obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' kooperazzjoni inkwistjoni. L-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat, jipprevedi, min-naħa tiegħu, li n-nuqqas ta' osservanza ta' dawn l-obbligi għandu jitqies li jkun parteċipazzjoni f'attivitajiet li jkollhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri restrittivi. F'dan ir-rigward, huwa jirreferi għall-Artikolu 9(1) tal-istess regolament, li jipprevedi l-projbizzjoni tal-parteċipazzjoni, b'mod konxju u bi ħsieb, fit-tali attivitajiet ta' evażjoni.

91 Dawn id-dispożizzjonijiet ma jistgħux jitqiesu li jipprevedu dispożizzjonijiet kriminali, anki jekk jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, kif jenfasizzaw ir-rikorrenti, fil-mument tal-adozzjoni tar-Regolament ikkontestat, il-maġġoranza tal-Istati Membri ttrattaw kriminalment l-evażjoni tal-miżuri restrittivi.

92 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jenfasizzaw li, kif jirriżulta mill-proposta tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2022 għal Deċiżjoni tal-Kunsill, dwar l-inklużjoni tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni fl-oqsma ta' kriminalità stabbiliti fl-Artikolu 83(1) [TFUE] [COM (2022) 247 final], il-Kunsill kien konxju li l-evażjoni tas-sanzjonijiet kienet ittrattata kriminalment fl-Istati Membri kollha bl-eċċezzjoni ta' tnejn minnhom. Madankollu, minn din iċ-ċirkustanza ma jistax jiġi dedott li, bl-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontestati, il-Kunsill ġiegħel lill-Istati Membri jittrattaw kriminalment l-evażjoni tal-iffriżar tal-fondi. Effettivament, il-fatt li, fl-Istati Membri li diġà

ttrattaw kriminalment l-evażjoni tal-miżuri restrittivi, il-pieni applikati fil-każ ta' ksur taż-żewġ obbligi inkwistjoni huma, konsegwentement, ukoll kriminali, ma jirriżultax mid-dispożizzjonijiet ikkontestati, iżda mill-għażla tal-Istati Membri fil-qasam tas-sanzjonijiet.

93 Għaldaqstant, l-argument li, bl-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontestati, il-Kunsill adotta obbligi li jaqgħu taħt il-qasam kriminali fil-livell tal-Unjoni u li, b'dan il-mod, huwa stabbilixxa ruħu bħala leġiżlatur kriminali għandu jitwarrab.

94 Din il-konstatazzjoni ma tinbidilx minn qari flimkien tal-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat, u tal-Artikolu 15 tal-istess regolament. Fil-fatt, mill-Artikolu 15(1) tal-imsemmi regolament jirriżulta li huma l-Istati Membri li jistabbilixxu s-sistema ta' sanzjonijiet li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament u li jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiggarantixxu l-implimentazzjoni tiegħu. Minn dan jirriżulta li, fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-obbligi inkwistjoni, ikklassifikat bħala evażjoni tal-miżuri restrittivi, id-determinazzjoni tas-sistema ta' sanzjonijiet, "inklużi sanzjonijiet kriminali fejn xieraq" (Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat), tibqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri. Barra minn hekk, l-obbligu impost fuq l-Istati Membri li jadottaw sistema ta' sanzjonijiet fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-imsemmija obbligi huwa marbut, mill-għanijiet u l-kontenut tiegħu, mad-Deċiżjoni 2014/145, peress li huwa intiż li jirrendi effettiva l-applikazzjoni uniformi tal-miżuri restrittivi previsti minn din id-deċiżjoni. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament iħallu lill-awtoritajiet nazzjonali kull libertà fir-rigward tal-għażla tan-natura, kriminali jew le, tas-sanzjoni marbuta mal-ksur tal-imsemmi regolament.

95 Fl-aħħar nett, din il-konstatazzjoni lanqas ma tinbidel bl-adozzjoni, fit-28 ta' Novembru 2022, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2332, dwar l-identifikazzjoni tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni bħala qasam ta' kriminalità li jissodisfa l-kriterji msemmija fl-Artikolu 83(1) [TFUE] (ĠU 2022, L 308, p. 18), jew bl-adozzjoni mill-Kummissjoni, fit-2 ta' Diċembru 2022, tal-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni (COM (2022) 684 finali). Minbarra l-fatt li din id-deċiżjoni u din il-proposta ma kinux ġew adottati fl-21 ta' Lulju 2022, id-data tal-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontestati, għandu jiġi rrilevat li dan l-approċċ leġiżlattiv intiż għall-armonizzazzjoni tad-dritt kriminali tal-Istati Membri huwa preċiżament distint minn dak tar-Regolament ikkontestat f'dan il-każ, ibbażat fuq l-Artikolu 215(2) TFUE, li huwa intiż biss li jiżgura implimentazzjoni effikaċi u uniformi tar-Regolament Nru 269/2014. Fil-fatt, b'differenza minn direttiva, li tiddefinixxi r-reati kriminali u s-sanzjonijiet kriminali fil-każ ta' evażjoni tal-miżuri restrittivi, adottata abbażi tal-Artikolu 83(1) TFUE, li torbot lill-Istati Membri destinatarji fir-rigward tar-riżultat li għandu jintlaħaq fil-qasam kriminali, is-sistema ta' sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat, tħalli lill-Istati Membri libertà ta' għażla f'dak li jirrigwarda n-natura kriminali, amministrattiva jew ċivili tas-sanzjonijiet li jkollhom jiġu adottati fil-każ ta' ksur tal-projbizzjoni ta' evażjoni tal-miżuri restrittivi.

96 Għaldaqstant, peress li l-obbligi kontenzjużi ma jaqgħux taħt il-qasam kriminali, il-Kunsill ma jistax jiġi kkritikat li kiser l-Artikolu 83 TFUE, b'tali mod li, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, il-Kunsill lanqas ma kiser l-Artikolu 40 TUE.

97 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li t-tieni motiv għandu jiġi miċħud u, għaldaqstant, ir-rikors kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

98 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfu, hemm lok li huma jiġu kkundannati jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill, kif mitlub minn dan tal-aħħar.

99 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li intervjenew fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom. Għaldaqstant, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Latvja u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Awla Manja)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **Mikhail Fridman, Petr Aven u German Khan għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

3) **Ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Latvja u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

Van der Woude	Papasavvas	Spielmann
Costeira	Kowalik-Bańczyk	Gervasoni
Madise	Półtorak	Brkan
Gâlea	Dimitrakopoulos	Kukovec
Kingston	Tóth	Kalėda

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-11 ta' Settembru 2024.

Firem